# Il-Membri ta' l-Akkademja

## Lista tal-Membri ta' l-Akkademja tal-Malti Aġġornata sa Mejju 2001

Abela Mizzi Charles
Agius Muscat Anton
Apap M.A. (Mons)
Apap Victor
Aquilina Annunzio (Rev. Dr)
Aquilina Pawlu
Aquilina Sunny
Arena William
Arrigo Charles
Attard Anton F.
Attard Cassar Emmanuel
Attard Charles
Attard Emmanuel F.
Attard Joe M. (Kav.)
Attard Josette
Azzopardi Ġwann (S.J.)
Azzopardi Carmel
Azzopardi Carmen
Balzan Rena (Dr)
Barbara Joseph (Awstralja)
Bezzina Charles (Għawdex)
Bezzina Charles (Malta)
Bonello Giovanni (Dr)
Borg Ġorġ
Borg Joseph
Borg Paul P.
Borg Serafin (O.S.A.)
Briffa Charles (Dr)
Brockdorff Lina
Buttigieg John
Cachia Carmel C.
Cachia Lawrenza (Mons.)
Calleja Carmel
Calleja David
Calleja Joseph (Dr)
Calleja Oreste
Camilleri Joseph J.
Caruana John
Caruana Peter
Caruana Ruggier Alfred
Casha Charles
Cassar Anton
Cassar Joe
Cassar Lino
Cassar Manwel (Awstralja)
Cassar Pullicino Ġużè
Cauchi Carmel G.
Chetcuti Ġużè (Pres Onor)
Coleiro Charles
Cousen Mark
Cutajar Mario
Debono Paul J.
Degabriele Alfred
Diacono Ġużè
Ellul Galea Alfred
Ellul Galea Karmenu
Ellul Tarċisju
Fabri Noel
Fenech Edward (Rev Prof Dr)
Fenech Victor
Filletti J.A. (Imħallef)
Flores Charles
Friggieri Oliver (Professur Dr)
Galea Curmi Paul
Galea Scannura Carmel
Gatt Mary Rose
Gauci Anton (Mons. Dr)
Ghigo Joseph (S.J. Pres Onor)
Grech Sergio
Gruppetta Arthur
Guillaumier Alfie
Holland Henry
Kontzi Reinhold (Prof Ġermanja)
Magro Charles
Mahoney Raymond
Mallia Hugh (O.C. Irlanda)
Mamo Robert
Mangani Paul S. (Dr)
Massa Alfred
Mercieca Anthony
Mercieca Frank
Mercieca George (Rev. Dr)
Micallef Amanda J.
Micallef Bernard
Micallef Chritien Doreen
Micallef Jane
Mifsud Bonnici Maurice
Mifsud Bonnici Ugo (Eċ, Dr)
Mifsud Chircop Ġorġ
Mifsud Chircop Marlene
Mifsud Manwel (Dr)
Mikallef Buhagiar Karmen
Mizzi Achille
Mizzi Joseph
Mizzi Lawrence
Mizzi Pawlu
Muscat Mary Ann
Puli Mary C.
Refalo Rapa Julian (Rev.)
Saliba Paul (Kav.)
Sammut Frans
Schembri Ludovik (O.C.D.)
Schiavone Michael
Scotto Roger
Serracino Inglott Mario
Spiteri Charles (Dr)
Spiteri Lino
Spiteri Mikiel (Kilin)
Theuma Peter Paul
Vella Bondin Joseph
Vella Haber Kelinu (Baruni)
Vella Olvin
Xuereb Victor (S.J.)
Zahra Trevor
Zahra Walter
Zammir Marmara Marcel
Zammit Ciantar Joseph
Zammit Frank (Awstralja)
Zammit Mangion Joseph
Zammit Tabona J. (Dr)
Zarb Tarċisju



Fis-Sena Ewropea tal-Lingwi l-Prim Ministru u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni ntalbu jagħtu messaġġ għal *Il-Malti*.

# Il-messaġġ tal-Prim Ministru, Dr Eddie Fenech Adami

## *Il-Ħtieġa ta' Awtorità Waħda*

Minn żmien għal żmien, ikolli okkażjoni niltaqa' ma' kittieba u studjużi tal-lingwa Maltija meta jiġu jippreżentawli xi ktieb li jkunu għadhom kif ippubblikaw.

Spiss jissemma f'dawn il-laqgħat li lil hinn mir-retorika ta' kemm il-lingwa tagħna hija importanti, unika u essenzjali fil-qafas tal-kultura Maltija hemm verità li jeħtiġilna lkoll flimkien niffaċċjaw mingħajr dewmien. Bħal kull ħaġa ħajja oħra, il-lingwa tagħna tinbidel maż-żmien. Tinbidel skond il-ħtiġijiet tagħna, *in-nisel li nħaddmuha*. Tinbidel biex tlaħħaq ma' użanzi, modi u invenzjonijiet ġodda. Tinbidel għax qed ninbidlu aħna. Dan mhux biss huwa sewwa imma huwa normali u essenzjali. Li mhux sewwa huwa li dan it-tibdil qiegħed isir mingħajr d-direzzjoni neċessarja b'riżultat li donnu kulħadd għandu liċenzja biex jagħmel li jrid bil-lingwa tagħna. Dan forsi jispikka l-aktar fil-mezzi tax-xandir, mhux għax il-kittieba u l-ġurnalisti li jaħdmu f'dan il-qasam jagħmlu xi dnubiet iżjed minn ħaddieħor imma forsi għaliex id-dnub tagħhom (biex nuża l-istess idjoma) jidher iżjed. Kliem ivvintat, tħaddim tar-regoli skond il-widna u mhux it-teorija, kliem mislut minn lingwi oħra jingħata bixra Maltija qisu m'hu xejn; dawn huma wħud minn nuqqasijiet li drajna ngħixu bihom.

X'jista' jsir biex nirranġaw dan kollu. Il-ħsieb tiegħi mill-ewwel imur fuq awtorità waħda imma li tirrappreżenta lil kull min għandu vuċi u jrid jinstema'. Awtorità li tgawdi stima għax l-iskop aħħari tagħha huwa l-ħarsien tal-lingwa. Awtorità b'saħħitha għax imwieżna b'liġi mill-Parlament tagħna. Naħseb li wasal iż-żmien li nerġgħu nitkellmu fuq dan b'mod raġunat imma immedjat.

Il-mixja ta' pajjiżna lejn sħubija fl-Unjoni Ewropea tagħtina aktar skop biex nagħmlu dan. L-Unjoni Ewropea ser tagħtina għajnuna biex inħarsu u nġibu 'l quddiem il-lingwa tagħna. Irridu minn issa nippreparaw sabiex nagħmlu l-aħjar użu minn din l-għajnuna.